TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Chairperson: John Bencini

Decizjoni numru: 3034

Kaz Nru: 4124/JB.

Fil-Kwistjoni tax-xoghol bejn

John Fenech(K.I nru: 649382 (M)

Vs

Tas-Sold Construction Ltd (C-41072)

Illum: 15.11.2024

Interpretazzjoni ta' Deċizjoni.

# It- Tribunal:

Ra d-deċizjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet John Fenech (K.I. 649382 (M) vs Tas-Sold Construction Ltd (C-41072) mgħotija fit-2 ta' Ottubru, 2024.

Ha konjizzjoni tas-sentenza ta' appell surriferita fejn l-Onorabbli Qorti tal-Appell iddeċidiet illi:

Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti filwaqt li tiddikjara l-ewwel aggravju tal-appell tas-soċjeta' appellanta bħala irritu u null, u għaldaqstant tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu,tilqa' it-tieni aggravju tagħha u tibgħat l-atti lura quddiem it-Tribunal, u tordnalu sabiex jispjega l-motivazzjoni tiegħu fir-rigward tal-likwidazzjoni tal-kumpens ta' sebat elef u ħames mitt Euro ( Euro 7,500) pagabbli mis-soċjeta' allellanta lill-appellat.

Għaldaqstant u in osservanza tal-istess, it-Tribunal jiddikjara kif ġej:

Fid-deċizjoni appellata, it-Tribunal kien stabilixxa s-somma ta' sebat elef u hames mitt euro (Euro: 7,500) bħala l-kumpens li kellu jingħata ghat-terminazzjoni ingusta tal-impieg tar-rikorrenti.

It-Tribunal wasal għal din is-somma msemmija wara li ħa in konsiderazzjoni tad-danni reali u morali sofferti mill-impjegat li sofra rizultat tat-terminazzjoni

tal-impieg, kif ukoll ċirkostanzi ohra inkluzi l-eta’ u l-hiliet tieghu li jaffetwaw il-potenzjal lavorattiv tiegħu,

Mill-provi miġjuba quddiem it-Tribunal, kien jirrizulta illi r-rikorrent tkeċċa mill-impieg fit-28 ta’ Settembru tas-sena 2022 waqt li kien fil-fatt fuq il-post tax-xogħol, fejn dak in-nhar kien ilu madwar nofs ta’ nhar xogħol qabel ma safa mkeċċi inġustament minn fuq il-lant tax-xoghol mingħajr biss ma ingħata l-opportunita’ li almenu jispjega bil-kwiet u fis-serenita’ dak li kien ġara quddiem min jimpjegah jew xi bord ta’ dixxiplina maħtur għall-okkazzjoni.

Meta ġie biex jagħti il-kumpens dovut, it-Tribunal ha in konsiderazzjoni il-fatt li ir-rikorrent tkeċċa f’daqqa waħda quddiem sħabu il-ħaddiema b’ħafna għajjat u diskors mhux xieraq kif jirriżulta mix-xhieda, wara li is-Sur John Fenech kien ilu impjegat madwar tlettax (13) il-sena mal-kumpanija ntimata bhala lavrant. Il-mod ta’ kif saret it-tkeċċija zgur li ħalliet danni morali fuq l-istess rikorrenti, minħabba anke il-mod abbuziv ta’ kif tkeċċa u umiljat quddiem il-kollegi tiegħu.

It-Tribunal wasal ukoll għal din is-somma msemmija wara li ħa konsiderazzjoni tad-danni reali barra dawk morali mill-impjegat, telfien iehor li sofra rizultat tat-terminazzjoni tal-impieg f’daqqa wahda. Ikkonsidra ukoll illi l-impieg in kwistjoni kien il-main employment tar-rikorrenti u s-sors ewlieni ta’ ntrojtu tieghu.

It-Tribunal għalhekk jirreferi għall- artiklu 81 (2B) tal-Kap. 452 dwar l-Impieg u r-Relazzjonijiet Industrijali fejn jingħad,”meta jistabbilixxi l-ammont ta’ dak il-kumpens, It-Tribunal għandu jqis id-danni reali u telfien li jkun bata l-ħaddiem li jkun ġie imkeċċi mingħajr kawża ġusta, kif ukoll ċirkostanzi oħra, inkluż l-eta’ u s-snajja tal-ħaddiem li jistgħu jaffettwaw il-potenzjal tal-impieg ta’ dak il-ħaddiem.” Fil-komputazzjoni tiegħu, t-Tribunal kien ċirkoskritt minn dawk il-provi illi attwalment kienu tressqu quddiema.

(Iffirmat)
John Bencini.
Chairperson